7.4.2016 A8-0199/ 001-001

EMENDI 001-001
mill-Kumitat għall-Affarijiet Legali

Rapport
Constance Le Grip **A8-0199/2015**
Il-protezzjoni ta' informazzjoni ta' kompetenza u tan-negozju (sigrieti kummerċjali) kontra l-ksib, l-użu u liżvelar illegali tagħhom

Proposta għal direttiva (COM(2013)0813 – C8-0431/2013 – 2013/0402(COD))

Emenda 1

EMENDI TAL-PARLAMENT EWROPEW*

għall-proposta tal-Kummissjoni

2013/0402 (COD)

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-protezzjoni ta' informazzjoni ta' kompetenza u tan-negozju (sigrieti kummerċjali) kontra l-ksib, l-użu u l-iżvelar illegali tagħhom

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

---

* Emendi: it-test ġdid jew modifikat huwa indikat permezz tat-tipa korsiva u grassa; it-tħassir huwa indikat permezz tas-simbolu ▌.

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trasmissjoni tal-abbozz tal-att leġislattiv lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[1],

Wara li kkonsultaw il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta[1],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja,

Billi:

(1) Negozji u istituzzjonijiet ta' riċerka mhux kummerċjali jinvestu fil-ksib, l-iżvilupp u l-applikazzjoni ta' kompetenza u informazzjoni, li hija l-ingredjent ewlieni tal-ekonomija tal-għarfien ***u tagħti vantaġġ kompetittiv***. Dan l-investiment fil-ġenerazzjoni u l-applikazzjoni ta' kapital intellettwali jiddetermina l-kompetittività ***u tal-prestazzjoni innovattiva*** tagħhom fis-suq u għalhekk il-qligħ tagħhom mill-investiment, li huwa l-motivazzjoni fil-bażi tar-riċerka u l-iżvilupp tan-negozju. In-negozji jirrikorru għal mezzi differenti biex jaddattaw ir-riżultati tal-attivitajiet innovattivi tagħhom meta l-ftuħ ma jippermettix l-isfruttament sħiħ tal-investimenti tagħhom ta' riċerka u innovazzjoni. L-użu ta' drittijiet ▌ ta' proprjetà intellettwali bħal privattivi, drittijiet ta' disinn jew drittijiet tal-awtur hija waħda minn dawn l-attivitajiet. Attività oħra hi l-protezzjoni tal-aċċess u l-isfruttament tal-għarfien li huma ta' valur għall-entità u mhux magħrufa ħafna. Tali kompetenza ***prezzjuża*** u informazzjoni kummerċjali, li tinżamm mistura u bl-intenzjoni li tibqa' kunfidenzjali tissejjaħ sigriet kummerċjali. In-negozji, irrispettivament mid-daqs tagħhom, jagħtu valur lis-sigrieti kummerċjali daqs il-privattivi u forom oħra ta' dritt ta' proprjetà intellettwali u jużaw il-kunfidenzjalità bħala għodda ta' ġestjoni tal-innovazzjoni ***u l-kompetittività*** tan-negozju u r-riċerka, u jkopri firxa diversifikata ta' informazzjoni, li testendi lil hinn mit-tagħrif teknoloġiku għal dejta kummerċjali bħal informazzjoni fuq

1 ĠU C 226, 16.7.2014, p. 48.

il-konsumaturi u l-fornituri, pjanijiet tan-negozju jew riċerka u strateġiji tas-suq. ***Intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), b'mod partikolari, jagħtu aktar valur lis-sigrieti kummerċjali u jiddependu fuqhom aktar, peress li l-użu tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali għandhom tendenza jkunu jiswew ħafna u l-SMEs ta' spiss ma jkollhomx biżżejjed riżorsi umani speċjalizzati u riżorsi finanzjarji biex jiġġestixxu u jipproteġu tali drittijiet.*** Bil-protezzjoni ta' tali firxa wiesgħa ta' kompetenzi u informazzjoni kummerċjali, kemm bħala ħaġa komplementari jew bħala alternattiva għad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali, is-sigrieti kummerċjali jippermettu lill-awtur jikseb profitt mill-ħolqien u l-innovazzjonijiet tiegħu u għalhekk huma partikolarment importanti ***għall-kompetittività tan-negozju kif ukoll*** għar-riċerka u l-iżvilupp u l-prestazzjoni innovattiva.

(2) Innovazzjoni miftuħa ***hija katalist għal ideat ġodda biex isibu triqithom lejn is-suq sabiex jissodisfaw il-ħtiġiet tal-konsumaturi u jindirizzaw l-isfidi tas-soċjetà. Hija*** lieva importanti għall-ħolqien ta' għarfien ġdid u tirfed l-iżvilupp ta' mudelli ta' negozju ġodda u innovattivi bbażati fuq l-użu ta' għarfien maħluq b'mod konġunt. ▌ Ir-riċerka kollaborattiva, inkluża l-kooperazzjoni transfruntiera, hija partikolarment importanti biex iżżid il-livelli ta' riċerka u żvilupp tan-negozju fi ħdan is-suq intern. ***Id-disseminazzjoni tal-għafien u l-informazzjoni għandha tiġi kkunsidrata bħala element essenzjali għall-iskop biex jiġu żgurati opportunitajiet ta' żvilupp ta' negozju dinamiċi, pożittivi u ugwali, speċjalment għall-SMEs.*** F'suq intern fejn ostakoli għal tali kollaborazzjoni transkonfinali huma minimizzati u fejn il-kooperazzjoni ma tiġix distorta, il-kreazzjoni intellettwali u l-innovazzjoni għandhom iħeġġu investiment fi proċessi, servizzi u prodotti innovattivi. Tali ambjent li jwassal għall-kreazzjoni intellettwali u l-innovazzjoni***, u fejn il-mobilità tal-impjieg mhijiex ostakolata,*** huwa importanti wkoll għat-tkabbir fl-impjiegi u titjib tal-kompetittività tal-ekonomija tal-Unjoni. ***Is-sigrieti kummerċjali għandhom rwol importanti fil-protezzjoni tal-iskambju tal-għarfien bejn in-negozji, inkluż, b'mod partikolari, l-SMEs u l-istituzzjonijiet ta' riċerka fi ħdan u lil hinn mill-fruntieri tas-suq intern, fil-kuntest tar-riċerka u l-iżvilupp u l-innovazzjoni.*** Is-sigrieti kummerċjali huma fost l-aktar forma użata ta' protezzjoni tal-kreazzjoni intellettwali u tal-kompetenza

1 ĠU C , , p. .

innovattiva min-negozji, iżda huma fl-istess ħin l-inqas protetti minn qafas legali tal-Unjoni eżistenti kontra l-ksib, l-użu jew l-iżvelar illegali minn partijiet terzi.

(3) Negozji innovattivi huma dejjem aktar esposti għal prattiki qarrieqa bil-għan li jużaw b'mod qarrieq sigrieti kummerċjali, bħal serq, ikkupjar mhux awtorizzat, spjunaġġ ekonomiku, ksur tar-rekwiżiti tal-kunfidenzjalità, kemm minn ġewwa kif ukoll minn barra l-Unjoni. Żviluppi riċenti, bħalma huma l-globalizzazzjoni, iż-żieda fl-esternalizzazzjoni, perjodi itwal ta' katini tal-provvista, użu akbar ta' teknoloġija tal-informazzjoni u komunikazzjoni, jikkontribwixxu biex jiżdied ir-riskju ta' dawk il-prattiki. L-ksib, l-użu jew l-iżvelar illegali ta' sigrieti kummerċjali jikkompromettu l-abiltà leġittima tad-detentur tas-sigriet li jinkiseb redditu tal-prekursur bl-użu tal-outputs tal-isforzi innovattivi tiegħu. Mingħajr mezzi legali effettivi u komparabbli biex jiddefendu s-sigrieti kummerċjali madwar l-Unjoni, huma mhedda l-inċentivi innovattivi biex wieħed jinvolvi ruħu f'attività transkonfinali fi ħdan is-suq intern u s-sigrieti tal-kummerċ ma humiex f'pożizzjoni li jilħqu l-potenzjal tagħhom bħala muturi tat-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi. Għalhekk, l-innovazzjoni u l-kreattività huma skoraġġiti u l-investiment jonqos, u dan jaffettwa l-funzjonament mingħajr skossi tas-suq intern u jimmina l-potenzjal tiegħu li jsaħħaħ it-tkabbir.

(4) ***Il-Ftehim*** dwar l-Aspetti Relatati mal-Kummerċ tal-Proprjetà Intellettwali (il-Ftehim TRIPS) ***jinkludi***, fost l-oħrajn, dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali kontra l-ksib, l-użu jew l-iżvelar illegali tagħhom minn partijiet terzi, li huma standards internazzjonali komuni. L-Istati Membri kollha, kif ukoll l-Unjoni nnifisha, huma marbuta b'dan il-Ftehim li ġie approvat bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/800/KE[1]. ***Sabiex jiġu protetti s-sigrieti kummerċjali kontra l-miżapproprjazzjoni, uħud mill-Istati Membri għandhom stabbilita leġiżlazzjoni għal dan l-iskop; Madankollu, xi Stati Membri ma ddefinixxewx sigrieti kummerċjali u ma għandhomx leġislazzjoni vinkolanti għall-protezzjoni kontra l-miżapproprjazzjoni tas-sigrieti kummerċjali. Tali sitwazzjoni toħloq lakuni u ostakli għall-funzjonament effettiv tas-suq intern. Huwa wkoll xieraq li jiġu definiti fil-livell tal-Unjoni s-sitwazzjonijiet fejn il-ksib, l-użu u l-iżvelar tas-sigriet kummerċjali jkunu legali jew***

illegali, u li jkun limitat il-perjodu tal-applikazzjoni tal-proċeduri ta' rimedju, biex din id-Direttiva tkun tista' sservi l-iskop tagħha ta' protezzjoni konsistenti tas-sigrieti kummerċjali fl-Unjoni.

(5) Hemm differenzi importanti fil-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri fir-rigward tal-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali kontra l-ksib, l-użu jew l-iżvelar illegali tagħhom minn persuni oħra. Għalhekk, pereżempju, mhux l-Istati Membri kollha adottaw definizzjonijiet nazzjonali tas-sigrieti kummerċjali u/jew il-ksib, l-użu jew l-iżvelar illegali ta' sigrieti kummerċjali, u b'hekk l-ambitu tal-protezzjoni mhuwiex faċilment aċċessibbli u huwa differenti madwar l-Istati Membri. Barra minn hekk, ma hemmx konsistenza fir-rigward tar-rimedji disponibbli tal-liġi ċivili fil-każ tal-ksib, l-użu jew l-iżvelar illegali tas-sigrieti kummerċjali u l-ordnijiet ta' waqfien u ebda tkomplija mhux dejjem ikunu disponibbli fl-Istati Membri kollha kontra partijiet terzi li ma jkunux kompetituri tad-detentur leġittimu tas-sigriet kummerċjali. Id-diverġenzi jeżistu wkoll madwar l-Istati Membri fir-rigward tat-trattament ta' partijiet terzi li akkwistaw sigriet kummerċjali in bona fede iżda sussegwentement jiskopru, waqt l-użu, li l-ksib tagħhom ġie minn akkwist illegali preċedenti ta' parti oħra.

(6) Ir-regoli nazzjonali jvarjaw ukoll dwar jekk id-detenturi leġittimi ta' sigriet kummerċjali jistgħux ifittxu l-qerda ta' prodotti mmanifatturati minn partijiet terzi li jużaw illegalment sigrieti kummerċjali jew ir-ritorn jew il-qerda ta' kwalunkwe dokument, fajl jew materjal li jkun fih jew li jimplimenta l-ksib jew l-użu illegali tas-sigriet kummerċjali. Barra minn hekk, ir-regoli nazzjonali applikabbli dwar il-kalkolu ta' danni mhux dejjem iqisu n-natura intanġibbli tas-sigrieti kummerċjali, li jagħmilha diffiċli biex wieħed juri l-profitti attwali mitlufa jew l-arrikkiment inġust tal-kontraventur fejn l-ebda valur fis-suq ma jista' jiġi stabbilit għall-informazzjoni in kwistjoni. Ftit Stati Membri biss jippermettu l-applikazzjoni ta' regoli astratti dwar il-kalkolu tad-danni fuq il-bażi ta' royalty jew miżata raġonevoli li setgħet kienet dovuta li kieku kienet teżisti liċenzja għall-użu tas-sigriet kummerċjali. Barra minn hekk, diversi regoli ta' Stati Membri ma jiggarantixxux il-preservazzjoni tal-kunfidenzjalità tas-sigriet kummerċjali jekk id-detentur tas-sigriet kummerċjali jintroduċi pretensjoni

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Diċembru 1994 dwar il-konklużjoni f'isem il-Komunita Ewropea, fejn għandhom x'jaqsmu affarijiet fil-kompetenza tagħha, fuq il-

għal allegat ksib, użu jew żvelar illegali ta’ sigriet kummerċjali minn parti terza, u b’hekk titnaqqas l-attrazzjoni tal-miżuri u r-rimedji eżistenti u tiddgħajjef il-protezzjoni offruta.

(7) Id-differenzi fil-protezzjoni legali tas-sigrieti kummerċjali previsti mill-Istati Membri jimplikaw li s-sigrieti kummerċjali ma jgawdux livell ekwivalenti ta’ protezzjoni madwar l-Unjoni, ħaġa li twassal għal frammentazzjoni tas-suq intern f’dan il-qasam u li ddgħajjef b’mod ġenerali l-effett diswassiv tar-regoli. Is-suq intern huwa affettwat sa fejn u sakemm dawn id-differenzi jnaqqsu l-inċentivi tan-negozji li jidħlu għal attività innovattiva relatata transkonfinali, inkluża kooperazzjoni ta' riċerka jew manifattura ma' msieħba, esternalizzazzjoni jew investiment fi Stati Membri oħra, li jiddependu mill-użu tal-informazzjoni protetta bħala sigriet kummerċjali. Riċerka u żvilupp transkonfinali kif ukoll attivitajiet relatati mal-innovazzjoni, inkluż kummerċ relatat mal-manifattura u sussegwentement ta' natura transkonfinali, se jsiru anqas attraenti u aktar diffiċli fl-Unjoni, u b’hekk naslu għal ineffiċjenzi relatati mal-innovazzjoni fuq l-iskala tal-Unjoni. Barra minn hekk, jidher riskju akbar ta’ negozju fi Stati Membri b’livelli komparattivament iktar baxxi ta’ protezzjoni, fejn is-sigrieti tal-kummerċ jistgħu jinsterqu jew jiġu ksibati b’xi mod ieħor illegali iktar faċilment. Dan iwassal għal allokazzjoni ineffiċjenti tal-kapital għal innovazzjoni li ssaħħaħ it-tkabbir fi ħdan is-suq intern minħabba n-nefqa akbar fuq miżuri protettivi li jikkumpensaw għan-nuqqas ta’ protezzjoni legali insuffiċjenti f’xi Stati Membri. Dan jiffavorixxi wkoll attività ta’ kompetituri inġusti li wara l-ksib illegali tas-sigrieti kummerċjali jistgħu jifirxu l-oġġetti riżultanti fis-suq intern kollu. Differenzi ta’ reġim leġiżlattiv jiffaċilitaw ukoll l-importazzjoni ta’ oġġetti minn pajjiżi terzi lejn l-Unjoni permezz ta’ punti ta’ dħul bi protezzjoni aktar dgħajfa, meta d-disinn, il-manifattura u l-kummerċjalizzazzjoni ta’ dawk l-oġġetti jiddependu fuq sigrieti kummerċjali misruqa jew akkwistati illegalment b’mod ieħor. B’mod ġenerali, dawn id-differenzi joħolqu ħsara għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern.

---

ftehim milħuq fil-Laqgħa ta’ negozjati multilaterali fl-Urugwaj (1986-1994) (ĠU L 336, 23.12.1994, p. 1).

(8) Huwa xieraq li jkun hemm provvediment għal regoli fil-livell tal-Unjoni biex jiġu approssimati s-sistemi leġislattivi nazzjonali sabiex jiġi żgurat li jkun hemm livell ta' rimedju suffiċjenti u konsistenti fis-suq intern kollu fil-każ ta' ksib, użu jew żvelar illegali ta' sigrieti kummerċjali. Għal dan l-għan, huwa importanti li wieħed jistabbilixxi definizzjoni omoġenea ta' sigriet kummerċjali mingħajr ma jirrestrinġi s-suġġett in kwistjoni għal protezzjoni kontra l-miżappropriјazzjoni. Din id-definizzjoni għandha għalhekk tiġi mibnija b'tali mod li tkopri l-informazzjoni tan-negozju, informazzjoni u kompetenza teknoloġika fejn hemm kemm interess leġittimu li tinżamm kunfidenzjalità kif ukoll aspettattiva leġittima fil-preservazzjoni ta' tali kunfidenzjalità. ***Barra minn hekk, tali informazzjoni jew kompetenza għandu jkollha valur kummerċjali, kemm jekk attwali jew inkella potenzjali. Tali informazzjoni jew kompetenza għandha titqies li għandha valur kummerċjali speċjalment fejn il-ksib, l-użu jew l-iżvelar mhux awtorizzat tagħha x'aktarx jagħmlu ħsara lill-interessi tal-persuna li legalment tikkontrollaha, jew fejn tipperikola l-potenzjal xjentifiku u tekniku ta' din il-persuna, in-negozju jew l-interessi finanzjarji tagħha, il-pożizzjonijiet strateġiċi jew il-kapaċità tagħha li tikkompeti.*** Min-natura tagħha, din id-definizzjoni għandha teskludi informazzjoni trivjali u ma għandiex testendi għall-għarfien u l-ħiliet miksuba mill-impjegati fil-kors normali tal-impjieg tagħhom u li huma ***ġeneralment*** magħrufa jew aċċessibbli ***faċilment*** għal persuni li ġeneralment jittrattaw din it-tip ta' informazzjoni.

(9) Huwa importanti wkoll li jiġu identifikati ċ-ċirkostanzi li taħthom il-protezzjoni legali hija ġġustifikata. Għal din ir-raġuni, huwa neċessarju li jiġu stabbiliti kondotta u prattiki li għandhom jitqiesu bħala ksib, użu jew żvelar illegali ta' sigriet kummerċjali. ▌

(9a) ***Huwa importanti li jiġi ċċarat li l-miżuri adottati biex jipproteġu s-sigrieti kummerċjali kontra l-ksib, l-użu u l-iżvelar illegali tagħhom ma għandhomx jaffettwaw l-applikazzjoni ta' regoli tal-Unjoni jew nazzjonali li jirrikjedu l-iżvelar ta' informazzjoni, inklużi sigrieti kummerċjali, lill-pubbliku jew lil awtoritajiet pubbliċi, ir-regoli li jippermettu lill-awtoritajiet pubbliċi jiġbru informazzjoni biex iwettqu dmirijiethom jew regoli li jippermettu kwalunkwe żvelar ulterjuri minn dawk l-awtoritajiet pubbliċi ta' informazzjoni rilevanti lill-pubbliku. Dan jikkonċerna b'mod partikolari regoli dwar l-iżvelar mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni jew l-awtoritajiet pubbliċi nazzjonali ta' informazzjoni relatata man-negozju li jkollhom skont ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1], ir-Regolament (KE) Nru 1367/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[2] u d-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[3] jew regoli oħra dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti jew dwar l-obbligi ta' trasparenza tal-awtoritajiet pubbliċi nazzjonali.***

---

1 Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU L 145, tal-31.5.2001, p. 43).

2 Ir-Regolament (KE) Nru 1367/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Settembru 2006 dwar l-applikazzjoni għall-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Aarhus dwar l-Aċċess għall-Informazzjoni, il-Parteċipazzjoni tal-Pubbliku fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali (ĠU L 264, 25.9.2006, p. 13).

3 Id-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2003 dwar l-aċċess pubbliku għat-tagħrif ambjentali u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/313/KEE (ĠU L 041, 14.02.2003, p. 26).

(9b) Il-ksib, l-użu jew l-iżvelar ta' sigrieti kummerċjali, kull meta imposti jew permessi mil-liġi, għandhom jiġu trattati bħala legali għall-finijiet ta' din id-Direttiva, mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe obbligu ta' kunfidenzjalità fir-rigward tas-sigriet kummerċjali jew kwalunkwe limitazzjoni dwar l-użu tiegħu li l-Unjoni jew il-liġi nazzjonali jisgħu jimponu fuq min jirċievi l-informazzjoni. B'mod partikolari, din id-direttiva ma għandhiex teżenta lill-awtoritajiet pubbliċi mill-obbligi ta' kunfidenzjalità li huma soġġetti għalihom f'dak li għandu x'jaqsam ma' informazzjoni mgħoddija mid-detenturi ta' sigrieti kummerċjali, irrispettivament mill-fatt jekk dawn l-obbligi humiex stabbiliti fid-dritt nazzjonali jew fid-dritt tal-Unjoni. Dan jikkonċerna, fost l-oħrajn, l-obbligi ta' kunfidenzjalità rigward informazzjoni mgħoddija lill-awtoritajiet kontraenti fil-kuntest ta' proċeduri ta' akkwist, kif stabbilit, pereżempju fid-Direttiva 2014/23/UE[1] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fid-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[2] u fid-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[3].

1 Id-Direttiva 2014/23/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-għoti ta' kuntratti ta' konċessjoni (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 1).

2 Id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 65).

3 Id-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali u li tħassar id-Direttiva 2004/17/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 243).

(9c) ***Din id-Direttiva ma tipprevedix l-impożizzjoni ta' penali kriminali fuq persuni li jakkwistaw, jużaw jew jiżvelaw illegalment sigriet kummerċjali. Għalhekk hija mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Istati Membri li jissupplimentaw id-dispożizzjonijiet tagħha tal-liġi ċivili u kummerċjali b'miżuri skont il-liġi kriminali. Madankollu, fejn Stati Membri jfasslu tali miżuri, għandhom jieħdu kont sħiħ tas-salvagwardji stabbiliti f'din id-Direttiva, sabiex jiġi żgurat li jinstab bilanċ xieraq bejn il-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali u l-libertà tan-negozju, il-libertà tal-espressjoni u l-libertà tal-informazzjoni.***

(10) Fl-interess tal-innovazzjoni u biex titrawwem il-kompetizzjoni, id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva m'għandhom joħolqu l-ebda dritt esklussiv fuq l-għarfien jew il-kompetenza protetta bħala sigriet kummerċjali. Għalhekk, l-iskoperta indipendenti tal-istess kompetenza u informazzjoni tibqa' possibbli, u l-kompetituri tad-detentur tas-sigriet kummerċjali huma wkoll liberi li jwettqu dekumpilazzjoni ta' kwalunkwe prodott akkwistat legalment. ***Madankollu, filwaqt li kompetizzjoni sana, li tirriżulta mill-użu legali ta' dejta, inkluża dejta ġġenerata permezz ta' dekumpilazzjoni, għandha tiġi inkoraġġita, huwa essenzjali li prattiki kummerċjali diżonesti jiġu indirizzati.***

(10a) ***F'ċerti setturi tal-industrija, fejn kreaturi u innovaturi ma jistgħux jibbenefikaw minn drittijiet esklussivi u fejn l-innovazzjoni tradizzjonalment tiddependi fuq sigrieti kummerċjali, illum il-ġurnata l-prodotti jistgħu faċilment jiġu dekumpilati ladarba jkunu fis-suq. F'dawn il-każijiet, dawn il-kreaturi u l-innovaturi jistgħu jkunu vittmi ta' prattiki bħall-ikkuppjar parassitiku jew imitazzjonijiet perfetti li jirkbu fuq ir-reputazzjoni u l-isforzi tal-innovazzjoni tagħhom. Xi liġijiet nazzjonali li jittrattaw il-kompetizzjoni inġusta jindirizzaw dawn il-prattiki. Filwaqt li din id-Direttiva ma għandhiex l-għan li tirriforma jew tarmonizza l-liġi tal-kompetizzjoni inġusta b'mod ġenerali, ikun xieraq li l-Kummissjoni teżamina bir-reqqa l-bżonn ta' azzjoni tal-Unjoni f'dan il-qasam.***

(11) F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, il-miżuri u r-rimedji maħsuba biex jipproteġu s-sigrieti kummerċjali għandhom ikunu mfassla sabiex jissodisfaw l-objettiv tal-funzjonament tas-suq intern bla xkiel għar-riċerka u l-innovazzjoni***, b'mod partikolari billi jkollhom effett ta' deterrent kontra l-ksib, l-użu u l-iżvelar illegali ta'***

sigriet kummerċjali, mingħajr ma jipperikolaw ***jew jimminaw drittijiet u libertajiet fundamentali jew l-interess*** pubbliku***, bħas-sikurezza pubblika, il-ħarsien tal-konsumaturi, is-saħħa pubblika u l-protezzjoni ambjentali, u mingħajr ebda preġudizzju għall-mobilità tal-ħaddiema***. F'dan ir-rigward, il-miżuri u r-rimedji jiżguraw li l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti jagħtu kont ***ta' fatturi bħall-valur*** ta' sigriet kummerċjali, is-serjetà tal-kondotta li tirriżulta fil-ksib, l-użu jew l-iżvelar illegli ta' sigriet kummerċjali kif ukoll l-impatt ta' kondotta bħal din. Għandu jiġi żgurat ukoll li l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti jingħataw id-diskrezzjoni li jiżnu l-interessi tal-partijiet involuti fit-tilwima, kif ukoll l-interessi ta' partijiet terzi inkluż, fejn xieraq, il-konsumaturi.

(12) Il-funzjonament bla xkiel tas-suq intern jiġi imminat jekk il-miżuri u r-rimedji previsti jintużaw biex ikunu segwiti għanijiet illeġittimi***, bħall-ħolqien ta' ostakli mhux ġustifikati għas-suq intern jew għall-mobilità tax-xogħol, li huma*** inkompatibbli mal-objettivi ta' din id-Direttiva. Għalhekk, huwa importanti li jiġi żgurat li l-awtoritajiet ġudizzjarji jkollhom is-setgħa li jissanzjonaw imġiba abbużiva mir-rikorrent li jaġixxi in mala fede u jippreżenta applikazzjonijiet manifestament bla bażi. ▌

(12a) Miżuri u rimedji li huma previsti f'din id-Direttiva ma għandhomx jirristrinġu attivitajiet ta' whistleblowing. Għalhekk il-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali m'għandhiex tiġi estiża għal każijiet fejn l-iżvelar ta' sigriet kummerċjali jservi l-interess pubbliku safejn hu kkonċernat l-iżvelar tal-kondotta jew l-għemil ħażin direttament rilevanti. Dan tal-aħħar m'għandux jitqies li jipprevjeni lill-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti milli jippermettu eċċezzjoni għall-applikazzjoni ta' miżuri, proċeduri u rimedji fejn l-intimat kellu r-raġunijiet kollha biex jemmen in bona fide li l-kondotta tiegħu ssodisfat kriterji xierqa stabbiliti f'din id-Direttiva.

(12b) Huwa essenzjali li l-Istati Membri jirrispettaw il-libertà tal-istampa u l-midja, kif stabbilit fl-Artikolu 11(2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea sabiex jiżguraw li d-Direttiva ma tillimitax xogħlijiet ġurnalistiċi, b'mod partikolari fir-rigward ta' investigazzjoni, protezzjoni tas-sorsi u d-dritt li l-pubbliku jkun infurmat.

(12c) Iż-żieda fl-użu ta' servizzi onlajn fuq l-internet biex isiru negozju u riċerka, il-ħżin

ta' aktar dejta kunfidenzjali f'postijiet ta' ħżin virtwali u l-użu akbar tal-kummerċ elettroniku u d-diġitalizzazzjoni kollha kemm hi jagħtu lok għall-ħtieġa ta' leġislazzjoni armonizzata madwar l-Unjoni, li tipproteġi l-użu miżapproprjat ta' sigrieti kummerċjali, u li min-naħa tagħha tiżgura l-fiduċja u l-protezzjoni fost in-negozji u l-konsumaturi u tippromwovi l-ħolqien tas-Suq Uniku Diġitali, li hu wieħed mill-fundamenti ta' suq intern li jiffunzjona b'mod effettiv.

(13) Fl-interess ***tal-preservazzjoni tal-funzjonament bla xkiel tas-suq intern għar-riċerka u l-innovazzjoni u fl-interess*** taċ-ċertezza legali u meta wieħed iqis li d-detenturi leġittimi tas-sigrieti kummerċjali huma mistennija li jeżerċitaw id-dmir li joqogħdu attenti fir-rigward tal-preservazzjoni tal-kunfidenzjalità tas-sigrieti kummerċjali siewja tagħhom u l-monitoraġġ tal-użu tagħhom, jidher xieraq li wieħed jirrestrinġi l-possibbiltà li jinbdew azzjonijiet għall-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali għal perjodu ***ta' tliet snin*** wara d-data li fiha d-detenturi tas-sigrieti kummerċjali jsiru jafu, jew ikollhom raġuni biex isiru jafu, bil-ksib, l-użu jew l-iżvelar illegali tas-sigriet kummerċjali tagħhom minn parti terza.

(14) Il-prospett li jitilfu l-kunfidenzjalità tas-sigriet kummerċjali matul proċeduri kontenzjużi spiss jiskoraġġixxi lid-detentur leġittimu tas-sigriet kummerċjali milli jibda proċeduri sabiex jiddefendi s-sigrieti kummerċjali, u dan jipperikola l-effikaċja tal-miżuri u r-rimedji previsti. Għal din ir-raġuni, huwa neċessarju li jiġu stabbiliti, soġġett għal salvagwardji xierqa li jiżguraw id-dritt għal proċess ġust, rekwiżiti speċifiċi bil-għan li jipproteġu l-kunfidenzjalità tas-sigrieti kummerċjali li jitressqu fil-kors ta' proċedimenti legali istitwiti għad-difiża tiegħu. Dawn għandhom jinkludu l-possibbiltà li jiġi limitat l-aċċess għal provi jew seduti, jew li jiġu ppubblikati biss elementi mhux kunfidenzjali ta' deċizjonijiet ġudizzjarji. ***Peress li l-iskop ewlieni tal-proċedimenti huwa li tiġi vvalutata n-natura tal-informazzjoni li hija s-suġġett tat-tilwima, dawn ir-restrizzjonijiet ma għandhomx ikunu tali li jżommu mill-inqas persuna waħda minn kull parti u r-rappreżentanti legali rispettivi tagħhom milli jkollhom aċċess sħiħ għad-dokumenti kollha fil-fajl. Għandha tkun ukoll ir-responsabilità tal-imħallef li jiżgura li, meta jimponi tali restrizzjonijiet, kull waħda mill-partijiet ikollha rappreżentanza adegwata.*** Protezzjoni bħal din għandha tibqa' fis-seħħ wara li jintemmu l-proċedimenti legali għat-tul ta' żmien li fih l-informazzjoni li tkun koperta mis-sigriet kummerċjali ma tkunx fl-isfera pubblika.

(15) Il-ksib***, l-użu jew l-iżvelar*** illegali ta’ sigriet kummerċjali minn parti terza jista’ ***jkollhom*** effetti devastanti fuq id-detentur leġittimu tiegħu minħabba li ġaladarba jiġi żvelat pubblikament ikun impossibbli għal dak id-detentur li jmur lura għas-sitwazzjoni ta' qabel it-telf tas-sigriet kummerċjali. Għalhekk, huwa essenzjali li jkun hemm provvediment għal miżuri interim fil-pront u aċċessibbli għat-terminazzjoni immedjata tal-ksib, l-użu jew l-iżvelar illegali ta' sigriet kummerċjali. Tali rimedju għandu jkun disponibbli mingħajr ma wieħed ikollu għalfejn jistenna deċiżjoni dwar is-sustanza tal-każ, b’rispett dovut għad-drittijiet tad-difiża u l-prinċipju ta’ proporzjonalità filwaqt li jiġu kkunsidrati l-karatteristiċi tal-każ in kwistjoni. Garanziji ta’ livell għoli biżżejjed biex ikopru l-ispejjeż u l-ħsara kkawżata lill-intimat permezz ta’ talba mhux ġustifikata jistgħu jkunu meħtieġa wkoll, partikolarment fejn kull dewmien jista’ jikkawża danni irreparabbli għad-detentur leġittimu ta’ sigriet kummerċjali.

(16) Għall-istess raġuni, huwa importanti wkoll li jkun hemm dispożizzjoni għal miżuri li jipprevjenu aktar użu jew żvelar illegali ta’ sigriet kummerċjali. Sabiex il-miżuri projbittivi jkunu effettivi ***u proporzjonati***, it-tul ta’ żmien tagħhom ▌ għandu jkun biżżejjed biex jelimina kwalunkwe vantaġġ kummerċjali li l-parti terza setgħet tikseb mill-ksib, l-użu jew l-iżvelar illegali ta' sigriet kummerċjali***, inkluż meta tali sigriet kummerċjali jintuża għall-forniment ta' servizzi, u għandhom ikunu limitati fiż-żmien sabiex jiġi evitat il-ħolqien ta’ ostakli mhux ġustifikati għall-kompetizzjoni fis-suq intern***. Fi kwalunkwe każ, l-ebda miżura ta’ dan it-tip ma għandha tkun infurzabbli jekk l-informazzjoni oriġinarjament koperta mis-sigriet kummerċjali hija fid-dominju pubbliku għal raġunijiet li ma jistgħux jiġu attribwiti lill-intimat.

(17) Sigriet kummerċjali jista' jiġi użat illegalment għad-disinn, il-manifattura***, l-iżvilupp*** jew il-kummerċjalizzazzjoni ta' ***servizzi jew*** oġġetti, jew komponenti tagħhom, li jistgħu jinfirxu mas-suq intern kollu, u b’hekk jaffettwaw l-interessi kummerċjali tad-detentur tas-sigriet kummerċjali u l-funzjonament tas-suq intern. ***Fil-każijiet fejn ġie pprovat ksib illegali*** u meta s-sigriet kummerċjali in kwistjoni għandu impatt sinifikanti fuq il-kwalità, il-valur jew il-prezz tal-oġġett riżultanti jew fuq it-tnaqqis tal-kost, l-iffaċilitar jew it-tħaffif tal-manifattura tiegħu jew il-proċessi tal-kummerċjalizzazzjoni, huwa importanti li l-awtoritajiet ġudizzjarji jingħataw is-setgħa biex jordnaw miżuri xierqa bil-ħsieb li jiżguraw li dawk il-prodotti ma jitqegħdux fis-

suq jew jitneħħew minnu. Meta tittieħed f'kunsiderazzjoni in-natura globali tal-kummerċ, huwa wkoll meħtieġ li dawn il-miżuri jinkludu l-projbizzjoni tal-importazzjoni ta' dawk l-oġġetti fl-Unjoni jew il-ħżin tagħhom għall-għoti jew it-tqegħid tagħhom fis-suq. Wara li ġie kkunsidrat il-prinċipju tal-proporzjonalità, il-miżuri korrettivi ma għandhomx neċessarjament iwasslu għall-qerda tal-oġġetti meta għażliet vijabbli oħra huma preżenti, bħal li wieħed jelimina l-kwalità tal-infrazzjoni tal-oġġett jew jiddisponi mill-oġġetti 'l barra mis-suq, pereżempju, permezz ta' donazzjonijiet lil organizzazzjonijiet tal-karità.

(18) Persuna oriġinarjament setgħet akkwistat sigriet kummerċjali in bona fede iżda kien fi stadju aktar tard li saret konxja, inkluż permezz ta' avviż ippreżentat mid-detentur oriġinali tas-sigriet kummerċjali, li l-għarfien tagħha tas-sigriet kummerċjali in kwistjoni kien derivat minn sorsi li użaw jew żvelaw sigriet kummerċjali rilevanti b'tali mod li nkisret il-liġi. Sabiex jiġi evitat li f'dawn iċ-ċirkostanzi l-miżuri korrettivi jew inġunzjonijiet ipprovduti jistgħu jikkawżaw dannu sproporzjonat lil dik il-persuna, l-Istati Membri għandhom jipprovdu għall-possibbiltà, f'każijiet xierqa, ta' kumpens fi flus mogħtija lill-parti danneġġjata bħala miżura alternattiva, sakemm tali kumpens ma jaqbiżx l-ammont ta' royalties jew miżati li kienu jkunu dovuti kieku dik il-persuna kisbet awtorizzazzjoni biex tuża s-sigriet kummerċjali in kwistjoni, għall-perjodu ta' żmien li matulu id-detentur oriġinali tas-sigriet kummerċjali seta pprevjena l-użu tas-sigriet kummerċjali. Madankollu, fejn l-użu illegali ta' sigriet kummerċjali jikkostitwixxi infrazzjoni ta' liġi lil hinn minn dak previst f'din id-Direttiva jew li x'aktarx ikun ta' dannu għall-konsumaturi, tali użu illegali m'għandux ikun permess.

(19) Sabiex jiġi evitat li persuna li konxjament, jew li kellha raġunijiet serji biex tkun taf, tikseb, tuża jew tiżvela illegalment sigriet kummerċjali tibbenefika minn kondotta ta' dan it-tip u biex jiġi żgurat li detentur ta' sigriet kummerċjali danneġġjat, sa fejn ikun possibbli, jitqiegħed f'pożizzjoni li fiha kien ikun li kieku l-kondotta ma seħħitx, huwa meħtieġ li jkun hemm provvediment għal kumpens adegwat tal-preġudizzju li sofra bħala riżultat ta' kondotta illegali. L-ammont ta' danni mogħtija lil detentur ta' sigriet kummerċjali danneġġjat għandu jqis il-fatturi pertinenti kollha, bħal telf ta' dħul imġarrab mid-detentur ta' sigriet kummerċjali jew qligħ inġust li jkun għamel il-kontraventur u, fejn xieraq, kwalunkwe preġudizzju morali ikkawżat lid-detentur ta' sigriet kummerċjali. Bħala alternattiva, pereżempju fejn, meta wieħed iqis in-natura

intanġibbli tas-sigrieti kummerċjali, ikun diffiċli li wieħed jiddetermina l-ammont tal-preġudizzju attwali li ġie soffert, l-ammont tad-danni jista' joħroġ minn elementi bħar-royalties jew il-miżati li kienu jkunu dovuti kieku l-kontraventur kien talab l-awtorizzazzjoni biex juża s-sigriet kummerċjali in kwistjoni. L-għan huwa li ma tiġix introdotta obbligazzjoni biex tipprovdi għall-ħsara punitiva imma biex tiżgura kumpens ibbażat fuq kriterji oġġettivi waqt li tikkunsidra l-ispejjeż li jkun bata d-detentur tas-sigriet kummerċjali, bħall-ispejjeż ta' identifikazzjoni u riċerka.

(20) Sabiex ikun hemm deterrent supplimentari kontra l-kontraventuri futuri u biex ikun hemm kontribut għal kuxjenza tal-pubbliku ġenerali, huwa utli li wieħed jippubbliċizza deċiżjonijiet, inkluż, fejn xieraq, permezz ta’ reklami prominenti, f’każijiet li jikkonċernaw il-ksib, l-użu jew l-iżvelar illegali tas-sigrieti kummerċjali, sakemm din il-pubblikazzjoni ma tirriżultax fl-iżvelar tas-sigrieti kummerċjali u lanqas ma teffettwa b’mod sproporzjonat il-privatezza u r-reputazzjoni ta’ persuni fiżiċi. ***Hemm ukoll ħtieġa li titqajjem kuxjenza, speċjalment għall-SMEs, dwar id-disponibbiltà ta’ rikors u rimedji f’każijiet ta’ ksib, użu jew żvelar illegali ta’ sigrieti kummerċjali.***

(21) L-effettività tal-miżuri u rimedji disponibbli għad-detenturi tas-sigrieti kummerċjali jistgħu jkunu mminati f’każ ta’ nuqqas ta’ konformità mad-deċiżjonijiet relevanti adottati mill-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti. Għal din ir-raġuni, huwa neċessarju li jiġi żgurat li dawk l-awtoritajiet ikollhom is-setgħat xierqa ta’ sanzjoni.

(22) Sabiex tiġi ffaċilita l-applikazzjoni uniformi tal-miżuri għall-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali, huwa xieraq li jiġu pprovduti sistemi ta’ kooperazzjoni u l-iskambju ta’ informazzjoni bejn l-Istati Membri, fuq naħa waħda, u bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni fuq in-naħa l-oħra, b’mod partikolari bil-ħolqien ta’ netwerk ta’ korrispondenti maħtura mill-Istati Membri. Barra minn hekk, bil-għan li jiġi rieżaminat jekk dawn il-miżuri jissodisfawx l-għanijiet maħsuba għalihom, il-Kummissjoni, megħjuna, kif xieraq, mill-Osservatorju Ewropew tal-Ksur tad-Drittijiet tal-Proprjetà Intellettwali, għandha teżamina l-applikazzjoni ta’ din id-Direttiva u l-effettività tal-miżuri nazzjonali meħuda.

(23) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti b’mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b’mod

partikolari d-dritt għar-rispett għall-ħajja privata u tal-familja, id-dritt għall-protezzjoni tad-dejta personali, il-libertà tal-espressjoni u l-informazzjoni, ***inkluża l-libertà tal-midja,*** il-libertà tal-għażla tal-mestier u d-dritt għax-xogħol, il-libertà li wieħed ikollu negozju, id-dritt għal proprjetà, id-dritt għal amministrazzjoni tajba, aċċess għall-fajl u l-preservazzjoni tas-segretezza tan-negozju, id-dritt għal rimedju effettiv u għal proċess ġust u d-dritt għal difiża.

(24) Huwa importanti li d-drittijiet għall-privatezza u l-protezzjoni tad-dejta personali ta' kwalunkwe persuna involuta f'litigazzjoni li tikkonċerna l-ksib, l-użu jew l-iżvelar illegali tas-sigrieti kummerċjali u li d-dejta personali tagħhom hija pproċessata jkunu rispettati. Id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1] tirregola l-ipproċessar tad-dejta personali li jsir fl-Istati Membri fil-kuntest ta' din id-Direttiva u taħt is-superviżjoni tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, b'mod partikolari l-awtoritajiet indipendenti pubbliċi maħtura mill-Istati Membri.

(25) Peress li l-objettiv ta' din id-Direttiva, li huwa li s-suq intern jiffunzjona mingħajr skossi permezz tal-istabbiliment ta' rimedju suffiċjenti u ta' livell komparabbli fis-suq intern kollu fil-każ ta' ksib, użu jew żvelar illegali ta' sigriet kummerċjali, ma jistax jintlaħaq biżżejjed mill-Istati Membri u jista' għalhekk, minħabba l-iskala u l-effetti tiegħu, jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, b'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju ta' proporzjonalità msemmi f'dak l-istess Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx aktar milli neċessarju biex jintlaħaq l-objettiv.

(26) Din id-Direttiva m'għandux ikollha l-mira li tistabbilixxi regoli armonizzati għall-kooperazzjoni ġudizzjarja, ġurisdizzjoni, rikonoxximent u infurzar ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali, jew li tittratta l-liġi applikabbli. Strumenti oħra tal-Unjoni li jirregolaw affarijiet bħal dawn f'termini ġenerali, fil-prinċipju, għandhom jibqgħu ugwalment applikabbli għall-qasam kopert minn din id-Direttiva.

(27) Din id-Direttiva m'għandhiex taffettwa l-applikazzjoni tar-regoli dwar il-liġi tal-kompetizzjoni, b'mod partikolari l-Artikoli 101 u 102 tat-Trattat dwar il-

---

1 Id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-dejta (ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31).

Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Il-miżuri stipulati f'din id-Direttiva m'għandhomx ikunu użati biex jirrestrinġu l-kompetizzjoni mingħajr bżonn f'manjiera li tmur kontra dak it-Trattat.

(27a) ***Din id-Direttiva ma għandhiex taffettwa l-libertà ta' moviment tal-ħaddiema jew il-libertà tal-istabbilment, b'mod partikolari kif stabbilit fl-Artikoli 48 u49 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 15 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Dan għandu jiġi kkunsidrat meta jiġu applikati l-miżuri, il-proċeduri u r-rimedji previsti f'din id-Direttiva.***

(28) Il-miżuri adottati sabiex iħarsu l-ksib, l-iżvelar u l-użu illegali tas-sigrieti kummerċjali ma għandhom jaffettwaw l-applikazzjoni ta' ebda liġi oħra rilevanti f'oqsma oħra inklużi ***l-protezzjoni tal-ambjent u r-responsabbiltà ambjentali, il-protezzjoni tal-konsumatur, ir-rekwiżiti tas-saħħa u s-sikurezza, il-protezzjoni tas-saħħa, id-drittijiet*** tal-proprjetà intellettwali, il-privatezza, l-aċċess għad-dokumenti ***u l-informazzjoni,*** u l-liġi kuntrattwali. Madankollu, fejn l-ambitu tal-applikazzjoni tad-Direttiva 2004/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1] u l-ambitu ta' din id-Direttiva jidħlu f'xulxin, din id-Direttiva tieħu preċedenza bħala lex specialis.

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

Kapitolu I

Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

Artikolu 1

Suġġett ***u kamp ta' applikazzjoni***

1. Din id-Direttiva tistipula regoli dwar il-protezzjoni kontra l-ksib, ▌ l-użu ***u l-iżvelar*** illegali ***ta' informazzjoni ta' kompetenza u ta' negozju mhux żvelati (sigrieti*** kummerċjali).

2. Din id-Direttiva ma għandhiex taffettwa:

(a) *il-libertà u l-pluraliżmu tal-midja kif stabbilit solennement fl-Artikolu 11(2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali*;

(b) *l-applikazzjoni ta' regoli tal-Unjoni jew nazzjonali li jirrikjedu li d-detenturi tas-sigrieti kummerċjali jiżvelaw, għal raġunijiet ta' interess pubbliku, informazzjoni, inklużi sigrieti kummerċjali, lill-awtoritajiet pubbliċi jew amministrattivi jew ġudizzjarji għall-qadi ta' dmirijiethom;*

(c) *l-iżvelar mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni jew l-awtoritajiet pubbliċi nazzjonali ta' informazzjoni relatata man-negozju li jkollhom skont l-obbligi u l-prerogattivi stabbiliti fil-liġi tal-Unjoni jew il-liġi nazzjonali u f'konformità magħhom;*

(d) *l-użu ta' informazzjoni, għarfien, esperjenza u ħiliet li l-impjegati jkunu kisbu b'mod onest waqt it-twettiq normali tal-impjieg preċedenti tagħhom, jew f'xi relazzjoni kuntrattwali oħra, li ma tkunx koperta mid-definizzjoni ta' sigriet kummerċjali kif previst fil-punt (1) tal-Artikolu 2;*

(e) *l-awtonomija tas-sħab soċjali u d-drittijiet tagħhom li jidħlu fi ftehim kollettiv, f'konformità mal-liġi tal-Unjoni u mal-liġijiet u l-prattiki nazzjonali;*

(f) *l-obbligi tal-Istati Membri li jiżguraw protezzjoni effettiva kontra l-kompetizzjoni inġusta, f'konformità mal-impenji internazzjonali tagħhom;*

(g) *ir-regoli tal-Istati Membri tal-liġi kriminali. Madankollu, l-Istati Membri ma jistgħux jillimitaw l-eżenzjonijiet previsti fl- Artikolu 4 billi japplikaw dispożizzjonijiet tal-liġi kriminali li jippenalizzaw il-ksib, l-użu jew l-iżvelar illegali ta' sigriet kummerċjali, kif definit fil-punt (1) tal-Artikolu 2.*

Din id-Direttiva ma tagħti lid-detentur ta' sigriet kummerċjali ebda raġuni biex jirrifjuta li jiżvela informazzjoni kull meta tali żvelar ikun meħtieġ bil-liġi jew minn awtoritajiet amministrattivi jew ġudizzjarji għall-qadi ta' dmirijiethom. Tali żvelar għandu jkun mingħajr ħsara għal kwalunkwe obbligu biex ma tiġix żvelata

[1] Id-Direttiva 2004/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 29 ta' April 2004 fuq l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, ĠU L 157, 30.4.2004, p. 45.

ulterjorment l-informazzjoni jew jiġi limitat l-użu tagħha li jistgħu jiġu imposti mil-liġi tal-Unjoni jew mil-liġi nazzjonali fuq min jirċievi l-informazzjoni in kwistjoni.

3. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, il-ksib ta' sigriet kummerċjali għandu jitqies bħala legali meta jinkiseb permezz ta' wieħed mill-metodi li ġejjin:

(a) skoperta jew kreazzjoni indipendenti;

(b) osservazzjoni, studju, żarmar jew ittestjar ta' prodott jew oġġett li jkun sar disponibbli għall-pubbliku jew li jkun legalment fil-pussess tal-akkwirent tal-informazzjoni li huwa liberu minn kwalunkwe dmir legalment validu biex jiġi limitat il-ksib tas-sigriet kummerċjali;

(c) eżerċizzju tad-dritt tal-ħaddiema jew tar-rappreżentanti tal-ħaddiema għal tagħrif u konsultazzjoni f'konformità mal-liġi tal-Unjoni u dik nazzjonali u/jew ma' prattiki nazzjonali;

(d) kwalunkwe prattika oħra li, fiċ-ċirkostanzi, hija konformi ma' prattiki kummerċjali onesti.

Il-ksib, l-użu u l-iżvelar ta' sigrieti kummerċjali għandu jiġi kkunsidrat legali sal-punt li tali ksib, użu jew żvelar ikun meħtieġ jew permess mil-liġi tal-Unjoni jew mil-liġi nazzjonali, mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe dmir ieħor li ma jiġix żvelat is-sigriet kummerċjali jew li jiġi limitat l-użu tiegħu li jista' jiġi impost mil-liġi tal-Unjoni jew minn dik nazzjonali.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "sigriet kummerċjali" jfisser informazzjoni ***dwar kompetenza jew negozju*** li jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha li ġejjin:

(a) hu sigriet fis-sens li mhux, bħala korp jew fil-konfigurazzjoni preċiża u l-assemblaġġ tal-komponenti tiegħu, magħruf ġeneralment jew aċċessibbli b'mod faċli lill-persuni li ġeneralment jitrattaw din it-tip ta' informazzjoni;

(b) għandu valur kummerċjali minħabba li hu sigriet;

(c) kien soġġett għal passi raġonevoli taħt iċ-ċirkostanzi, mill-persuna li għandha l-kontroll legali tal-informazzjoni, biex jinżamm sigriet.

L-esperjenza u l-ħiliet miksuba b'mod onest mill-impjegati matul it-twettiq normali ta' impjieg tagħhom m'għandhomx jitqiesu bħala sigriet kummerċjali.

(2) 'detentur tas-sigriet kummerċjali' jfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li legalment tikkontrolla sigriet kummerċjali;

(3) 'kontraventur' tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li tkun kisbet, użat jew żvelat illegalment sigrieti kummerċjali;

(4) 'oġġetti kontraventorji' tfisser oġġetti li ***l-kunċett, il-karatteristiċi, il-funzjonament***, il-proċess ta' fabbrikazzjoni jew kummerċjalizzazzjoni tagħhom b'mod sinifikanti jibbenefikaw minn sigrieti kummerċjali akkwistati, użati jew żvelati illegalment.

Kapitolu II

Il-ksib, l-użu u l-iżvelar illegali tas-sigrieti kummerċjali

Artikolu 3

Il-ksib, l-użu u l-iżvelar illegali ta' sigrieti kummerċjali

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-detenturi ta' sigrieti kummerċjali huma intitolati japplikaw għall-miżuri, il-proċeduri u r-rimedji stipulati f'din id-Direttiva biex jipprevjenu, jew jiksbu rimedju għall-ksib, l-użu jew l-iżvelar illegali, ta' sigriet kummerċjali.

2. Il-ksib ta' sigriet kummerċjali mingħajr il-kunsens tad-detentur tas-sigriet kummerċjali għandu jkun meqjus bħala illegali meta jitwettaq fil-każijiet li ġejjin:

(a) aċċess mhux awtorizzat, jew kopja ta' kwalunkwe dokument, oġġett, materjal, sustanza jew fajl elettroniku, legalment taħt il-kontroll tad-detentur tas-sigriet

kummerċjali, li fihom sigrieti kummerċjali jew li minnhom wieħed jista' jiddeduċi sigrieti kummerċjali;

(b) serq;

(c) tixħim;

(d) qerq;

(e) ksur jew persważjoni għal ksur ta' ftehim ta' kunfidenzjalità jew kwalunkwe dmir ieħor biex tinżamm segretezza;

(f) kwalunkwe mġiba oħra li, taħt iċ-ċirkostanzi, hija kkunsidrata kuntrarja għall-prattika kummerċjali onesta.

3. L-użu jew l-iżvelar ta' sigriet kummerċjali għandu jitqies bħala illeġittimu kull meta jitwettaq, mingħajr il-kunsens tad-detentur tas-sigriet kummerċjali ▌, minn persuna li tkun instabet li tissodisfa waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) akkwistat is-sigriet kummerċjali illegalment;

(b) tkun qed tikser ftehim ta' kunfidenzjalità jew kwalunkwe dover ieħor ***legalment validu*** biex iżżomm is-segretezza tas-sigriet kummerċjali;

(c) tkun qed tikser kuntratt jew kull dover ieħor ***legalment validu*** li tillimita l-użu tas-sigriet kummerċjali.

3a. Il-paragrafu 3 ma jipprovdi l-ebda raġuni biex id-detenturi ta' sigriet kummerċjali jillimitaw l-użu tal-esperjenza u l-ħiliet akkwistati b'mod onest minn impjegati matul it-twettiq normali tal-impjieg tagħhom jew iżidu kwalunkwe restrizzjoni sabiex impjegati jokkupaw pożizzjoni ġdida, ma' dawk ipprovduti fil-kuntratt tal-impjieg tagħhom, f'konformità mal-liġi rilevanti tal-Unjoni u dik nazzjonali.

4. ***Il-ksib,*** l-użu jew l-iżvelar ta' sigriet kummerċjali għandhom ukoll ikunu meqjusa bħala illegali kull meta persuna, waqt ***il-ksib,*** l-użu jew l-iżvelar, kienet taf jew fiċ-ċirkostanzi kellha tkun taf li s-sigriet kummerċjali inkiseb ***direttament jew indirettament*** minn persuna oħra li kienet qed tuża jew tiżvela s-sigriet kummerċjali b'mod illegali fis-sens tal-paragrafu 3.

5. Il-produzzjoni ▌, l-offerta jew it-tqegħid fis-suq ta' prodotti kontraventorji, jew l-importazzjoni, l-esportazzjoni jew il-ħżin ta' oġġetti kontraventorji għal dawk il-finijiet, għandha wkoll titqies bħala użu illegali ta' sigriet kummerċjali ***f'każijiet fejn il-persuna li għandha kariga fit-tali attivitajiet kienet konxja, jew kellha tkun konxja, skont iċ-ċirkostanzi, tal-fatt li s-sigriet kummerċjali ntuża b'mod illegali fi ħdan it-tifsira tal-paragrafu 3***.

Artikolu 4

Eċċezzjonijiet

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li m'hemmx dritt għall-applikazzjoni għall-miżuri, il-proċeduri u r-rimedji stipulati f'din id-Direttiva meta l-allegat ksib, użu jew żvelar ta' sigriet kummerċjali twettaq fi kwalunkwe wieħed mill-każijiet li ġejjin:

(a) biex isir użu leġittimu ***f'konformità mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea*** mid-dritt għal-libertà tal-espressjoni u l-informazzjoni***, inkluż il-libertà tal-midja***;

(b) ***għall-kxif ta' kondotta*** ħażina, l-għemil ħażin***, frodi*** jew attività illegali, sakemm ▌ l-intimat aġixxa fl-interess pubbliku;

(c) is-sigriet kummerċjali ġie żvelat mill-ħaddiema lir-rappreżentanti tagħhom bħala parti minn eżerċizzju leġittimu tal-funzjonijiet rappreżentattivi tagħhom ***f'konformità mal-liġi tal-Unjoni u mal-liġi nazzjonali, sakemm tali żvelar kien neċessarju għal dak l-eżerċizzju***;

▌

(e) għall-iskop tal-protezzjoni ta' interess ***pubbliku ġenerali jew kwalunkwe tip ieħor ta' interess*** leġittimu***, rikonoxxut mil-liġi tal-Unjoni jew mil-liġi nazzjonali u permezz ta' prattika ġudizzjarja***.

Kapitolu III

Miżuri, proċeduri u rimedji

SEZZJONI 1

DISPOŻIZZJONIJET ĠENERALI

Artikolu 5

Obbligu Ġenerali

1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu għall-miżuri, il-proċeduri u r-rimedji meħtieġa sabiex tiġi żgurata d-disponibbiltà ta' rimedju ċivili kontra l-ksib, l-użu u l-iżvelar illegali, tas-sigrieti kummerċjali.

2. Dawk il-miżuri, proċeduri u rimedji għandhom:

(a) ikunu ġusti u ekwi;

(b) ma jkunux ikkumplikati jew għaljin bla bżonn, jew jinvolvu skadenzi mhux raġonevoli jew dewmien mhux ġustifikat;

(c) ikunu effettivi u dissważivi

Artikolu 6

Proporzjonalità u abbuż ta' litigazzjoni

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri, il-proċeduri u r-rimedji stipulati f'konformità ma' din id-Direttiva għandhom ikunu applikati mill-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti b'mod li:

(a) huwa proporzjonat;

(b) jevita l-ħolqien ta' xkiel għall-kummerċ leġittimu***, il-kompetizzjoni u l-mobilità tal-ħaddiema*** fis-suq intern;

(c) jipprovdi salvagwardji kontra l-abbuż.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li fejn l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti jiddeterminaw li talba li tikkonċerna l-ksib, l-iżvelar jew l-użu illegali ta' sigriet kummerċjali tkun manifestament infondata u l-applikant jinstab li ta bidu għal proċedimenti legali ***b'mod abbużiv jew*** in mala fede ▌, dawn l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti għandhom ikunu intitolati li jieħdu l-miżuri li ġejjin:

(a) jimponu sanzjonijiet fuq l-applikant

(b) jordnaw id-disseminazzjoni tal-informazzjoni dwar id-deċiżjoni meħuda skont l-Artikolu 14.

Il-miżuri msemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà għall-intimat li jitlob id-danni ▌. ***L-Istati Membri jistgħu jipprevedu li dawn il-miżuri jiġu determinati fi proċedimenti separati.***

Artikolu 7

Perjodu ta' limitazzjoni

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-azzjonijiet għall-applikazzjoni tal-miżuri, il-proċeduri u r-rimedji stipulati f'din id-Direttiva jistgħu jinġiebu ***fi żmien tliet snin*** wara d-data li fiha l-applikant sar jaf, jew kellu raġuni biex isir konxju, tal-aħħar fatt li jagħti lok għall-azzjoni.

L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw ir-regoli li japplikaw għas-sospensjoni u l-interruzzjoni tal-perjodu ta' limitazzjoni.

Artikolu 8

Preservazzjoni tal-kunfidenzjalità tas-sigrieti kummerċjali matul il-kors tal-proċedimenti legali

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-partijiet, ir-rappreżentanti legali ***jew l-avukati*** tagħhom, l-uffiċjali tal-qorti, ix-xhieda, l-esperti u kull persuna oħra li tkun qed tipparteċipa fi proċedimenti legali dwar il-ksib, l-użu jew l-iżvelar illegali ta' sigriet kummerċjali, jew min għandu aċċess għal dokumenti li jiffurmaw parti minn dawk il-proċedimenti legali, m'għandux jitħalla juża jew jiżvela kwalunkwe sigriet kummerċjali jew allegat sigriet kummerċjali ***li l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti***

jkunu, b'rispons għal applikazzjoni debitament raġonata mill-parti interessata, identifikaw bħala kunfidenzjali u li jkunu saru konxji minnha bħala riżultat ta' tali parteċipazzjoni jew aċċess. ***L-Istati Membri jistgħu jippermettu wkoll li l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti jieħdu miżuri bħal dawn fuq inizjattiva tagħhom stess.***

L-obbligu msemmi fl-ewwel subparagrafu ***għandu jibqa' fis-seħħ wara li jintemmu l-proċedimenti legali. Madankollu, dan*** ma jibqax jeżisti f'xi waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin:

(a) fejn ***permezz ta' deċiżjoni finali***, l-allegat sigriet kummerċjali jinstab li ma jissodisfax ir-rekwiżiti stabbiliti fil-punt (1) tal-Artikolu 2;

(b) fejn maż-żmien, l-informazzjoni in kwistjoni ssir ġeneralment magħrufa fost jew faċilment aċċessibbli għall-persuni li ġeneralment jitrattaw dik it-tip ta' informazzjoni.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti jistgħu, fuq applikazzjoni debitament raġonata minn parti, jieħdu miżuri speċifiċi meħtieġa biex jippreservaw il-kunfidenzjalità ta' kwalunkwe sigriet kummerċjali jew allegat sigriet kummerċjali użat jew imsemmi matul il-proċedimenti legali li jirrigwardaw il-ksib, l-użu jew l-iżvelar illegali, ta' sigriet kummerċjali. ***L-Istati Membri jistgħu jippermettu wkoll li l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti jieħdu miżuri bħal dawn fuq inizjattiva tagħhom stess.***

Il-miżuri msemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom mill-inqas jinkludu l-possibbiltà:

(a) li jiġi ristrett l-aċċess għal kull dokument li jkun fih sigrieti kummerċjali ***jew sigrieti kummerċjali allegati sottomessi mill-partijiet jew partijiet terzi, kollha jew parti minnhom, lil numru limitat ta' persuni, sakemm tal-anqas persuna waħda minn kull parti, u fejn xieraq skont il-proċedimenti, l-avukati jew ir-rappreżentanti rispettivi tagħhom, jingħataw aċċess sħiħ għal tali dokument***;

(b) li jiġi ristrett l-aċċess għas-seduti, fejn is-sigrieti kummerċjali ***jew is-sigrieti kummerċjali allegati*** jistgħu jiġu żvelati, u r-rekords jew traskrizzjonijiet

korrispondenti tagħhom ***lil numru limitat ta' persuni, bil-kundizzjoni li tkun inkluża mill-inqas persuna waħda minn kull waħda mill-partijiet, u fejn ikun xieraq skont il-proċedimenti, l-avukati u/jew ir-rappreżentanti legali tagħhom***;

(c) li jagħmlu disponibbli ***lill-partijiet terzi*** verżjoni mhux kunfidenzjali ta' kull deċiżjoni ġudizzjarja, li minnhom ikunu tneħħew ***jew ġew redatti s-siltiet*** li jinkludu ***informazzjoni definita bħala sigrieti kummerċjali***.

▌

3. Meta jiddeċiedu dwar l-għoti jew iċ-ċaħda ***ta' miżuri għall-preservazzjoni ta' sigriet kummerċjali*** u jivvalutaw il-proporzjonalità ***tagħhom***, l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti għandhom iqisu ***l-ħtieġa li jiġi ggarantit id-dritt għal rimedju effettiv u għal proċess ġust,*** l-interessi leġittimi tal-partijiet u, fejn xieraq ta' partijiet terzi, u kwalunkwe ħsara potenzjali għal waħda mill-partijiet, u fejn xieraq partijiet terzi, li jirriżultaw mill-għoti jew ir-rifjut ta' ***dawn il-miżuri***.

4. Kwalunkwe pproċessar ta' dejta personali skont il-paragrafi 1, 2 u 3 għandu jitwettaq f'konformità mad-Direttiva 95/46/KE.

SEZZJONI 2

MIŻURI PROVVIŻORJI U KAWTELATORJI

Artikolu 9

Miżuri provviżorji u kawtelatorji

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti jistgħu, fuq it-talba tad-detentur tas-sigriet kummerċjali, jordnaw kwalunkwe mill-miżuri provviżorji u prekawzjonarji li ġejjin kontra l-allegat kontraventur:

(a) il-waqfien, jew, skont il-każ, il-projbizzjoni tal-użu jew l-iżvelar ta' sigriet kummerċjali fuq bażi provviżorja;

(b) il-projbizzjoni tal-produzzjoni, l-offerta, jew it-tqegħid fis-suq jew l-użu ta' oġġetti kontraventorji, jew l-importazzjoni, l-esportazzjoni jew il-ħażna ta' oġġetti kontraventorji għal dawk l-iskopijiet;

(c) il-konfiska jew il-kunsinna ta’ oġġetti suspettati bħala kontraventorji, inklużi oġġetti importati, sabiex jiġu evitati d-dħul u ċ-ċirkulazzjoni tagħhom fis-suq.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet ġudizzjarji jistgħu, ***bħala alternattiva għall-miżuri msemmija fil-paragrafu 1,*** jagħmlu l-kontinwazzjoni tal-ksib, l-użu jew l-iżvelar allegatament illegali ta’ sigriet kummerċjali soġġett għall-preżentazzjoni ta’ garanziji maħsuba biex jiżguraw il-kumpens tad-detentur tas-sigriet kummerċjali. ***L-iżvelar ta’ sigriet kummerċjali ma għandux jiġi permess kontra l-preżentazzjoni ta’ garanziji.***

Artikolu 10

Kundizzjonijiet ta' applikazzjoni u salvagwardja

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti għandhom, fir-rigward tal-miżuri msemmija fl-Artikolu 9, l-awtorità li jitolbu lill-applikant jipprovdi evidenza li tista' titqies raġonevolment disponibbli sabiex jissodisfaw ruħhom li s-sigriet kummerċjali jeżisti, ***bi grad suffiċjenti ta’ ċertezza,*** li l-applikant huwa d-detentur tas-sigriet kummerċjali leġittimu u li sigriet kummerċjali kien akkwistat illegalment, li sigriet kummerċjali qed jiġi użat u żvelat illegalment, jew li huwa imminenti ksib, użu jew żvelar illegli ta’ sigriet kummerċjali.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta jiddeċiedu li jagħtu jew jiċħdu l-applikazzjoni u jivvalutaw il-proporzjonalità tagħha, l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti għandhom ikunu mitluba li jqisu ***ċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. Il-valutazzjoni tagħhom għandha tikkunsidra, fejn xieraq, il-valur*** tas-sigriet kummerċjali, il-miżuri meħuda biex jiġi protett is-sigriet kummerċjali***, jew fatturi speċifiċi oħra tas-sigriet kummerċjali, kif ukoll*** il-kondotta ***intenzjonata jew mhux intenzjonata*** tal-intimat fil-ksib, l-iżvelar jew l-użu tas-sigriet kummerċjali, l-impatt tal-użu jew l-iżvelar illegali tas-sigriet kummerċjali, l-interessi leġittimi tal-partijiet u l-impatt li l-għoti jew ir-rifjut tal-miżuri jista’ jkollhom fuq il-partijiet, l-interessi

leġittimi ta’ partijiet terzi, l-interess pubbliku u s-salvagwardja tad-drittijiet fundamentali, inkluża l-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li miżuri provviżorji msemmija fl-Artikolu 9 huma revokati jew inkella jieqfu milli jidħlu fis-seħħ, fuq talba tal-intimat, jekk:

(a) l-applikant ma jibdiex proċedimenti li jwasslu għal deċiżjoni dwar il-meriti tal-każ quddiem l-awtorità ġudizzjarja kompetenti, f’perjodu raġonevoli ta’ żmien determinat mill-awtorità ġudizzjarja li tordna l-miżuri meta liġi ta’ Stat Membru tippermetti dan jew, fin-nuqqas ta’ tali determinazzjoni, fi żmien mhux aktar minn 20 ġurnata tax-xogħol jew 31 jum kalendarju, liema minnhom ikun l-itwal;

(b) Sadanittant, it-tagħrif in kwistjoni m’għadux jissodisfa r-rekwiżiti tal-punt (1) tal-Artikolu 2, għal raġunijiet li ma jistgħux jiġu attribwiti lill-intimat.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti jistgħu jagħmlu l-miżuri provviżorji msemmija fl-Artikolu 9 soġġetti għal preżentazzjoni mill-applikant ta' sigurtà adegwata jew assigurazzjoni ekwivalenti intiża biex tassigura il-kumpens mingħajr preġudizzju soffert mill-intimat jew kwalunkwe persuna oħra milquta mill-miżuri.

5. Fejn il-miżuri ***provviżorji*** huma revokati fuq il-bażi tal-punt (a) tal-paragrafu 3, fejn dawn jiskadu minħabba kwalunkwe att jew omissjoni mill-applikant, jew fejn sussegwentement jinstab li ma kien hemm l-ebda ksib, żvelar jew użu illegali ta’ sigriet kummerċjali jew theddid ta’ kondotta bħal din, l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti għandu jkollhom l-awtorità sabiex jordnaw lill-applikant, fuq talba tal-intimat jew ta’ parti terza danneġġjata, biex jipprovdi lill-intimat, jew il-parti terza danneġġata, b'kumpens xieraq għal kwalunkwe dannu kkawżat minn dawk il-miżuri.

SEZZJONI 3

MIŻURI LI JIRRIŻULTAW MINN DEĊIŻJONI FUQ IL-MERTI TAL-KAŻ

Artikolu 11

Inġunzjonijiet u miżuri korrettivi

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fejn tittieħed deċiżjoni ġudizzjarja ***finali*** li ssib ksib, użu jew żvelar illegali ta’ sigriet kummerċjali, l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti jistgħu, fuq talba tal-applikant jordnaw kontra l-kontraventur ***waħda jew aktar mill-miżuri li ġejjin***:

(a) il-waqfien, jew, skont il-każ, il-projbizzjoni tal-użu jew l-iżvelar ta’ sigriet kummerċjali;

(b) il-projbizzjoni tal-produzzjoni, l-offerta, jew it-tqegħid fis-suq jew l-użu ta' oġġetti kontraventorji, jew l-importazzjoni, l-esportazzjoni jew il-ħżin ta' oġġetti kontraventorji għal dawk l-iskopijiet;

(c) l-adozzjoni tal-miżuri korrettivi xierqa fir-rigward tal-oġġetti kontraventorji***;***

(ca) il-qerda totali jew parzjali ta’ kull mezz ta' komunikazzjoni fiżiku u/jew elettroniku li fih jew li jimplimenta s-sigriet kummerċjali jew, fejn xieraq, l-għoti uffiċjali lill-applikant tal-mezz ta' komunikazzjoni fiżiku u/jew elettroniku sħiħ jew parzjali.

2. Il-miżuri korrettivi msemmija fil-punt (c) tal-paragrafu 1 jinkludu

▌

(b) is-sejħa lura tal-prodotti kontraventorji mis-suq;

(c) li l-prodotti kontraventorji titneħħielhom il-kwalità kontraventorja tagħhom;

(d) il-qerda tal-oġġetti kontraventorji jew, fejn xieraq, l-irtirar tagħhom mis-suq, sakemm din l-azzjoni ma ddgħajjifx il-protezzjoni tas-sigriet kummerċjali in kwistjoni;

(e) il-qerda totali jew parzjali ta’ kull dokument, oġġett, materjal, sustanza jew fajl elettroniku li fihom jew li jimplimentaw is-sigriet kummerċjali jew, skont il-każ, il-konsenja lid-detentur tas-sigriet kummerċjali tad-dokumenti, l-oġġetti, il-materjali, is-sustanzi u l-fajls elettroniċi kollha jew parti minnhom.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta jiġi ordnat l-irtirar tal-prodotti kontraventorji mis-suq, l-awtoritajiet ġudizzjarji jistgħu jordnaw, fuq talba tad-detentur tas-sigriet kummerċjali, li l-oġġetti jingħataw lid-detentur jew lill-organizzazzjonijiet tal-karità taħt kondizzjonijiet li għad iridu jiġu deċiżi mill-awtoritajiet ġudizzjarji li għandhom l-għan li jiżguraw li l-oġġetti inkwistjoni ma jerġgħux jidħlu fis-suq.

Meta tiġi kkunsidrata t-talba għal miżuri korrettivi, il-gravità tal-ksur, ir-rimedji li għandhom jiġu imposti, u l-interessi ta’ partijiet terzi għandhom jinġiebu f’relazzjoni xierqa, f’konformità mal-prinċipju ta’ proporzjonalità.

L-awtoritajiet ġudizzjarji għandhom jordnaw li ***l-miżuri msemmija fil-punt (c) tal-paragrafu 1*** jitwettqu bl-ispejjeż għal min ikun kiser id-drittijiet, sakemm ma jkunx hemm raġunijiet partikolari sabiex ma jsirx dan. Dawn il-miżuri għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe ħsara li tista’ tiġġarrab mid-detentur tas-sigriet kummerċjali minħabba l-ksib, l-użu jew l-iżvelar illegali tas-sigriet kummerċjali.

Artikolu 12

Kundizzjonijiet tal-applikazzjoni, salvagwardji u miżuri alternattivi

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta jikkunsidraw talba għall-adozzjoni tal-mandati ta’ inibizzjoni u miżuri korrettivi previsti fl-Artikolu 11 u l-valutazzjoni tal-proporzjonalità tagħhom, l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti ***huma obbligati*** jqisu ***ċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ. Din il-valutazzjoni għandha tinkludi, fejn xieraq,*** il-valur tas-sigriet kummerċjali, il-miżuri meħuda biex jiġi protett is-sigriet kummerċjali, il-kondotta tal-kontraventur fil-ksib, l-iżvelar jew l-użu tas-sigriet kummerċjali, l-impatt ta’ żvelar illegali jew użu tas-sigriet kummerċjali, l-interessi leġittimi tal-partijiet u l-impatt li l-għoti jew ir-rifjut tal-miżuri jista’ jkollhom fuq il-

partijiet, l-interessi leġittimi ta' partijiet terzi, l-interess pubbliku u s-salvagwardja tad-drittijiet fundamentali, inkluża l-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jillimitaw ***it-tul ta' żmien*** tal-miżura msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 11(1), ***skont il-każ, sabiex jiżguraw li*** jkun biżżejjed biex jiġi eliminat kwalunkwe vantaġġ kummerċjali jew ekonomiku li l-kontraventur seta' jikseb minn dan il-ksib, l-iżvelar jew l-użu illegali ta' sigriet kummerċjali ***u li jiġi evitat il-ħolqien ta' ostakli mhux ġustifikati għal kompetizzjoni ġusta, għall-innovazzjoni u l-mobilità tax-xogħol***.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri msemmija ***fil-punti*** (a) ***u (b)*** tal-Artikolu 11(1) huma revokati jew inkella jieqfu milli jidħlu fis-seħħ, fuq talba tal-intimat jekk sadanittant l-informazzjoni in kwistjoni ma tibqax tissodisfa l-kundizzjonijiet tal-punt (1) tal-Artikolu 2 għal raġunijiet li ma jistgħux jiġu attribwiti ***direttament jew indirettament*** lill-intimat.

3. L-Istati Membri għandhom jipprovdu li, fuq talba ***ta' waħda mill-partijiet, fl-eventwalità tal-applikazzjoni tal-miżuri*** previsti fl-Artikolu 11, l-awtorità ġudizzjarja kompetenti tista' tordna kumpens fi flus li għandu jitħallas lill-parti danneġġjata minflok ma jiġu applikati dawk il-miżuri jekk jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) il-persuna kkonċernata ***fil-ħin tal-użu jew l-iżvelar tas-sigriet kummerċjali, la kienet taf u lanqas kellha raġuni, taħt iċ-ċirkostanzi, biex tkun taf li s-sigriet kummerċjali nkiseb minn persuna oħra li kienet qed tuża jew tiżvela s-sigriet*** kummerċjali ***b'mod illegali***;

(b) l-eżekuzzjoni tal-miżuri in kwistjoni jikkawżaw lill-persuna dannu sproporzjonat;

(c) kumpens pekunjarju lill-parti danneġġata tidher li hi raġonevolment sodisfaċenti.

Meta jkun ġie ordnat kumpens pekunjarju minflok l-ordni msemmija ***fil-punti*** (a) ***u (b)*** tal-Artikolu 11 (1), tali kumpens pekunjarju ma għandux jaqbeż l-ammont ta' royalties jew miżati li kienu jkunu dovuti, li kieku dik il-persuna kienet talbet

awtorizzazzjoni biex tuża s-sigriet kummerċjali in kwistjoni, għall-perjodu ta' żmien li matulu l-użu tas-sigriet kummerċjali seta' ġie projbit.

Artikolu 13

Id-danni

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti, fuq applikazzjoni tal-parti danneġġjata, jordnaw lill-kontraventur li kien jaf jew li messu kien jaf li hu jew hi kien/et qed j/tagħmel il-ksib, l-iżvelar jew l-użu illegali ta' sigriet kummerċjali, li jħallsu lid-detentur tas-sigriet kummerċjali d-danni xierqa għall-ħsara attwali mġarrba***, b'riżultat tal-ksib, l-użu jew l-iżvelar illegali tas-sigriet kummerċjali***.

1a. F'konformità mal-liġi u l-prattiki nazzjonali tagħhom, l-Istati Membri jistgħu jillimitaw ir-responsabbiltà għall-ħsara tal-impjegati lejn l-impjegaturi tagħhom għall-ksib, l-użu jew l-iżvelar illegali ta' sigriet kummerċjali tal-impjegatur meta dawn ma jaġixxux intenzjonalment.

2. Meta jiġu ffisati d-danni, l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti jikkunsidraw il-fatturi xierqa kollha, bħall-konsegwenzi negattivi ekonomiċi, li jinkludu qligħ mitluf, li l-parti li sarulha d-danni tkun sofriet, kwalunkwe profitt inġust li sar mill-kontraventur u, f'każijiet xierqa, elementi barra fatturi ekonomiċi, bħall-preġudizzju morali ikkawżat lid-detentur tas-sigriet kummerċjali bil-ksib, l-użu jew l-iżvelar illegali tas-sigriet kummerċjali.

Madankollu, l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti jistgħu wkoll, skont il-każ, jiffissaw id-danni bħala somma li titħallas f'daqqa fuq il-bażi ta' elementi bħal minimu tal-ammont tar-royalties jew tat-tariffi li kieku kienu jkunu dovuti jekk il-persuna li għamlet il-ksur talbet awtorizzazzjoni sabiex tuża s-sigriet kummerċjali in kwistjoni.

Artikolu 14

Il-pubblikazzjoni tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji

1. L-Istati Membri għandhom jassiguraw li, fil-proċedimenti legali istitwiti għall-ksib, l-użu jew l-iżvelar illegali ta' sigriet kummerċjali, l-awtoritajiet ġudizzjarji

kompetenti jistgħu jordnaw, fuq it-talba tal-applikant u jħallas il-kontraventur, miżuri xierqa għat-tixrid tal-informazzjoni li tikkonċerna d-deċiżjoni, li jinkludi l-pubblikazzjoni tagħha sħiħa jew parti minnha ***fil-midja pprintjata u elettronika, inkluża l-paġna web uffiċjali tal-kontraventur***.

2. Kwalunkwe miżura msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandha tippreserva l-kunfidenzjalità tas-sigrieti kummerċjali kif previst fl-Artikolu 8.

3. Biex jiġi deċiż jekk tiġix ordnata miżura ***msemmija fil-paragrafu 1, u ssir*** stima ***tal-proporzjonalità tagħha***, l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti għandhom iqisu ***jekk l-informazzjoni dwar il-kontraventur tippermettix l-identifikazzjoni ta' persuna fiżika u, jekk ikun il-każ, jekk il-pubblikazzjoni ta' dik l-informazzjoni tkunx ġustifikata, b'mod partikolari fid-dawl tal-kriterji li ġejjin: id-dannu*** possibbli li miżura bħal din tista' tikkawża għall-privatezza u r-reputazzjoni tal-kontraventur, ▌ il-kondotta tal-kontraventur fil-ksib, l-iżvelar jew l-użu tas-sigriet kummerċjali ▌ u l-probabbiltà ta' aktar użu jew żvelar illegali tas-sigriet kummerċjali mill-kontraventur.

Kapitolu IV

Sanzjonijiet, rappurtar u dispożizzjonijiet finali

Artikolu 15

Sanzjonijiet għan-nonkonformità mal-obbligi stipulati f'din id-Direttiva

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti jistgħu jimponu sanzjonijiet fuq il-partijiet, ir-rappreżentanti legali tagħhom u kwalunkwe persuna oħra li tonqos jew tirrifjuta li tikkonforma ma' kull miżura adottata skont l-Artikoli 8, 9 u 11.

Fejn previst mil-liġi nazzjonali, nonkonformità ma' miżura adottata skont l-Artikoli 9 u 11***, għandha, fejn xieraq, tkun soġġetta għal penali ta' pagamenti rikorrenti***.

Is-sanzjonijiet stabbiliti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

Artikolu 16

Il-bdil ta' informazzjoni u l-korrispondenti

Bl-għan li ssir promozzjoni tal-kooperazzjoni, li tinkludi il-bdil ta' informazzjoni, bejn l-Istati Membri u bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni, kull Stat Membru għandu jagħżel korrispondent nazzjonali jew aktar fuq kwalunkwe kwestjoni li tirrelata mal-implimentazzjoni tal-miżuri msemmija f'din id-Direttiva. Għandha tikkomunika d-dettalji tal-korrispondent(i) nazzjonali lill-Istati Membri l-oħra u l-Kummissjoni.

Artikolu 17

Rapporti

1. Sa XX XX 20XX [tliet snin wara l-għeluq tal-perjodu ta' traspożizzjoni], ***l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Proprjetà Intellettwali***, fil-kuntest tal-attivitajiet tal-Osservatorju Ewropew dwar il-Ksur tad-Drittijiet tal-Proprjetà Intellettwali, għandha tħejji rapport inizjali dwar xejriet ta' litigazzjoni fir-rigward tal-ksib, l-użu jew l-iżvelar illegali tas-sigrieti kummerċjali skont l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva.

2. Sa XX XX 20XX [erba' snin wara l-għeluq tal-perjodu ta' traspożizzjoni], il-Kummissjoni għandha tfassal rapport intermedju dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva***, anke fir-rigward tal-effetti potenzjali tagħha fuq id-drittijiet fundamentali, il-mobilità tal-ħaddiema, il-protezzjoni kontra kompetizzjoni inġusta u titjib ulterjuri eventwali fi kwistjonijiet ta' kooperazzjoni u innovazzjoni,*** u tissottomettih lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Dan ir-rapport għandu jieħu f'kunsiderazzjoni r-rapport imħejji mill-Osservatorju Ewropew dwar il-ksur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali.

3. Sa XX XX 20XX [tmien snin wara l-għeluq tal-perjodu ta' traspożizzjoni], il-Kummissjoni għandha tfassal evalwazzjoni tal-effetti ta' din id-Direttiva u tissottometti rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Artikolu 18

Traspożizzjoni

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa

XX XX 20XX [24 xahar wara d-data tal-adozzjoni ta' din id-Direttiva]. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta’ dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jirreferu għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati mit-tali referenza waqt il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif għandha ssir it-tali referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-testi tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-dritt nazzjonali li huma jaddottaw fil-qasam kopert b’din id-Direttiva.

Artikolu 19

Dħul fis-seħħ

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-20 ġurnata wara il-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Artikolu 20

Destinatarji

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*